2025/1452

16.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1452

tal-15 ta' Lulju 2025

li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098 ([1]), li ħatret lis-Sur Johan BORGSTAM bħala r-RSUE għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Il-mandat tar-RSUE jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2025.

(3) Il-mandat tar-RSUE jenħtieġ li jiġi estiż għal perjodu ulterjuri ta' 24 xahar u jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiġi aġġustat kif meħtieġ.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

1. Is-Sur Johan BORGSTAM huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2025.

2. Il-mandat tas-Sur Johan BORGSTAM bħala r-RSUE għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2027.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendi l-mandat tar-RSUE, jew li jtemmu qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ('ir-Rappreżentant Għoli')."";

(2) fl-Artikolu 5(1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2027 għandu jkun ta' EUR 3 385 100,49.";

(3) fl-Artikolu 13 it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Mejju 2027.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2098 tas-26 ta' Lulju 2024 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar (ĠU L, 2024/2098, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2098/oj).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS